# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, it-18 ta'Jannar, 2023

Avviz tat-Talba numru: 529/2017 CL

**Keith Spiteri (355284M)**

**VERSUS**

**Absolute Bathrooms Limited (C52846)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-20 ta' Novembru, 2017 fejn l-attur talab lit-Tribunal jordna u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' tlett elef mitejn u disgha u disghin Euro (€3299) jew dik is-somma verjuri li tirrizulta dovuta rapprezentant valur ta' xogholijiet esegwiti mill-atttur fuq struzzjonjiet tas-socjeta konvenuta, dan flimkien mal-ispejjes ital-ittra legali tat-18 ta' Settembru 2017, bin-numru 2283/17 u tal-mandat ta' sekwestru kawtaletorju bin-numru 1834/17 flimkien mal-imghaxijiet legali skond il-ligi.

Ra r-risposta li permess taghha, ecepiet illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress li l-eccepjent m'ghandu jhallas xejn lir-rikorrenti. F'kull kaz u minghajr pregudizzju, ix-xogholijiet allegatament imwettqa mir-rikorrent ma sarux kollha, u/jew ma sarux skond is-sengha u l-arti. Inoltre kien ir-rikorrent li kkaguna danni lill-eccepjenti b'rizultat ta' xoghol hazin tieghu u/jew bid-dewmien fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet. Salv eccezzjonijiet ulterjuri. Bl-ispejjez inkluz b'dawk tan-nota responsiva fl-atti tal-ittra ufficjali ezekuttiva numru 2283/2017 u b'riserva ta' kull azzjoni kompetenti lill-eccepjenti fil-konfront tar-rikorrent.

Fis-27 ta' April 2018 gie ipprezentat l-affidavit tal-attur fejn iddikjara illi xogholu huwa ta' electrician u plumber u ftit wara li iltaqa' ma' Joe Vella, li kien id-direttur ta' Absolute Bathrooms, li kienu jbieghu madum, kien qabdu jaghmel xi xoghol ta' elettriku u plumbing. Hadem f'kmamar tal-bajnu f'zewg flats f'Wied il-Ghajn, zewg kmamar tal-bajni fi flat fil Mosta u kamra tal-banju f'appartament l-Mtarfa, kif ukoll xi xoghol zghir f'appartament f'Ta' Giorni. Hu kien ftiehem ma' Joe Vella ghal hlasijiet skond l email datat 23 ta' Marzu 2017 mmarkata bhala Dok KSA1, u l-valur tax-xoghol kien ta' €4,549. Joe Vella kien haslu depozitu ta' €1250 darba Dok KSA2 minkejja li tidher

bhala diversi hlasijiet akkont u esebixxa rendikont tax-xoghol f'dokument immarkat Dok KSA3. Wiehed mis-sidien tal-flat ta' Wied il-Ghajn kien qallu li kellu dizgwit ma' Joe Vella u Joe Vella kien qalllu biex ma jkopmlix bix-xoghol f'dan l-appartament u fl-appartament tal-Mosta ghalkemm ma qallux ghalfejn. Joe kien qallu biex jibghat il-kont u kien mar ghand Absolute Bathrooms gewwa B'Kara u halla r-rendikont mit-tifel ta' Joe Vella, Matthias Vella fejn il-bilanc kien ta' €3299. Wara dakinhar Joe ma baqax jirrispondi t-telefonati tieghu hlief meta kien icempel minn xi numru iehor fejn kien jghidlu li kien ser jivverifika, izda qatt ma qal illi x-xogholijiet tieghu ma kienux skond is-sengha u l-arti qabel ir-risposta ghat-talba. B'hekk kellu jmur ghand l-avukat li bghat e mail mmarkat bhala Dok KSA4 liema e mail qatt ma twiegbet.Hu kellu relazzjoni ma' Absolute Bathrooms ghax huma kienu jqabduh biex jaghmel ix-xoghol.

Xehed in subizzjoni Joseph Vella, direttur tas-socjeta konvenuta. Huma kienu jaghtu x-xoghol ta' plumbing u xi alterazzjonijiet ta' elettriku lil Keith Spiteri f'diversi postijiet. Ma jiftakarx l-valur tax-xogholijiet imma kellhom ftehiem, u meta gie muri Dok KSA1 qal illi jahseb illi dak hu l-ftehiem. Invoices ircevew darba minghand l-attur meta ghamel it-talba ghax kienu jghaddulu l-flus u jaghtihom rcevuta. Ma jiftakarx kemm il-darba hallas lil-attur u lanqas ma jiftakar kemm halsu. Kien hemm ix-xogholijiet li ma sarux tajjeb u xoghol li ma tlestiex.

Fid-29 ta' Jannar 2019 xehed Joseph Vella li ezebixxa Dok ABS1 sa Dok ABS20. ABS2 huwa invoices li kien tah Keith fejn hemm zbalji. Minn ABS10 sa ABS18 hemm il-kopji li kien tah Keith bin-noti tieghu fuqhom fejn hu ma kienx qieghed jaqbel mal-ammonti. ABS2 huma invoices li ircevew huma biex jirrangaw ix-xoghol li ma kienx ghamel l-attur jew li kien ghamel hazin. Hu kien infurmah lil Keith permezz tat-telefon li x-xoghol kien sar hazin u kien qallu biex jmur jirranga u jekk ma jirrangax kien ser jqabbad lil haddiehor.

Fl-10 ta' Mejju 2019, xehed quddiem it-Tribunal Keith Spiteri illi wara li kien tah li-kont lis-Sur Vella, qatt ma kelmu fuq l-ammonti. Dwar il-mera hu qal illi kif hargu l-mera mill-kaxxa din kienet gja cippjata u hu kellu biss jwahhalha. Hu kien baqalu jaghmel xi xoghol ghand Nazzareno Dingli izda ma kienx mar jkompli ghax meta kien jibghat messaggi jew jcempel lil Sur Vella qatt ma wiegbu. Hu ma kienx zied ix-xogholijiet zejda mal-prezz li kien ta' lil Vella. Dwar Selma u Chris, hu jghid illi kien bdilhom x-xoghol u ma rceviex pagament, lanqas depozitu u ghalhekk waqaf ix-xoghol. Dawk li hemm miktubin kienu gja mnaqsi mill-kontijiiet. Hu ccargja skond l-email.

Fit-3 ta' Dicembru 2020 xehed Matthew Bugeja li ikkonferma li Absolute Bathrooms kienu ghamlulu l-kamra tal-banju d-dar f'Rahal Gdid u Keith Spiteri kien mqabbad mill-Asolute biex jaghmel il-plumbing. Hu ma kellux dizgwit mal Absolute u kien halsu ta' kollox imma ma jiftakarx l-ammont. Fil-kontro ezami qal illi ma kellux problemi ma' Keith Spiteri ghax ix-xoghol sar kollu sew. Julia Pearson xehdet illi Absolute Bathrooms kienu ghamlula x-xoghol tal-kamra tal-banju fl-Mtarfa. Hi ma taf xejn dwar min ghamel ix-xoghol jew jekk kienx hemm problema ghax kienet msiefra fiz-zmien li sar ix-xoghol u kien hadilha hsieb ir-ragel tat-tifla, Silvio Camilleri, izda meta giet lura kollox kien lest u hi halset skond kif kien miftiehem qabel, fl-intier tieghu. Silvio Camilleri xehed illi hu kien ha hsieb ix-xoghol li ghamlu Absolute Bathrooms mill-bidu sa' l-ahhar izda lil Keith Spiteri qatt ma rah, izda jiftakar li kien mar kemm il-darba jiftah u ma kienux gew il-haddiema. Absolute Bathrooms kien jghidli li ha jigu l-ghada u jergghu ma jmorrux u mbaghad gew haddiema ohra Sirjani immma ma jafx x'jisimhom.

Kellu jitnehha l-bathroom ezistenti, jsir il-plumbing gdid u jitwahhal il-madum u sanitaryware. Ma jiftakarx kemm kien il-prezz miftiehem imma jaf li l-prezz thallas kollu lil Absolute Bathrooms, imma kien hemm xi discount zghir li tah Matthias Vella minhabba fil-dewmien. Hu kien jiftah u jaghlaq ghal haddiema kuljum izda lil Keith qatt ma rah, ghalkemm hu ma kienx jibqa' hemm. Kellhom timeframe ghax-xoghol sakemm il-kunjata kienet msiefra u kienu hadmu anke l-Hdud ghax ix-xoghol dam erbat ijiem izjed milli suppost. Fil-fatt kellu jdum gimgha u nofs u dam ftit aktar minn gimghatejn.

Fis-27 ta' Mejju 2021 xehed Nazzareno Dingli illi xi erba' snin hu kien qabbad lil Absolute Bathrooms biex jaghmlu erba' kmamar tal-banju fil-post tieghu u tat-tifel f'Marsascala. Absolute Bathrooms kienu qabdu lil Keith Spiteri biex jaghmel il-plumbing, izda kien beda u ma kompliex. Kien ghamel il-plumbing u wara li twahhal il-madum ma kienx mar iwahhal l-affarijiet. Absolute kien bghat lil haddiehor biex jwahhal l-affarijjiet tal-fittings li jsiru wara li jitwahhal il-madum. Hu kien ftiehem mas-Sur Vella u t-tifel tieghu dwar ix-xoghol kollu u wara li tlesta x-xoghol kien hallashom i*n full* u kellu l-ircevuta.

Fit-28 ta' Gunju 2021 xehed Christian Montfort illi kien xtara l-kamra tal-banju u l-en suite minghand Absolute Bathrooms u kellhom jiehdu hsieb l-installation. L-ewwel persuna li hadem kien malti izda ma jiftakarx ismu u min kien u beda jaghmel il pajpijiet. Wara kien hemm zewg persuni barranin li li kienu ghamlu xi xoghol tal-plumbing ukoll, dawn kellhom jaqalghu l-affarijiet u regghu wahlu sa fejn jaf hu ghax il-mara l-izjed li kienet tiehu hsieb mhux hu. Hu kien ikkomplejna fuq ix-xoghol tal-plumber ghax il-pajpijiet ma kienux ghaddejin kif suppost u x-xoghol ma deherx sew ghax kienu minghajr elbow u mghawgin u u meta gew biex jitwahlu l-viti ma gewx dritti mal-madum ghax baqghu l-barra ghax kien hemm gap li kellu jinghalaq bis-silicone. Hu kien ilmenta ma' min kien qieghed jahdem u mal-Absolute. Wara dahal persuna ohra li wahhal il-madum. Bdew jghixu fil-post li jinsab il-Mosta u wara ftit xhur beda hiereg l-ilma minn bejn il-madum u it-toilet u kienu gew  persuni ohra biex jirrangaw u kienu qalghu t-toilet u irrangaw l-kanna tad-drain tat-toilet u giet tajba. Ma kienx jaf min wahhal it-toilet. Hu kien ftiehem mal-missier u t-tifel tal-Absolute ghax xoghol u kien hallas kollox u ma jahsibx li kienu naqasulu xi haga mill-prezz miftiehem.

Fit 23 ta' Mejju 2022 xehed Keith Spiteri illi jista' jkun illi kien hemm xi affarijiet tal-plumbing li ma kienux lesti peress illi hu kien waqaf ix-xoghol meta ma kienx thallas. Izda cahad illi kien hemm xi xoghol hazin.Dwar il-mera huwa jghid illi meta infethet mill-packing nstabet b'xifer mtajjar u kienu cemplu lis-Sur Vella mill-ewwel u kien jaf ukoll il-klijent. Dawn kienu ittellghu bl-idejn mil-haddiema ta' Vella u setghu laqtuha facilment, hu zgur ma kienx risponsabbli u qatt ma assuma risponsabilita ghaliha ma hadd. Hu kellu haddiem iehor jghinu. Is-Sur Vella qatt ma qallu dwar xoghol hazin jew riparattiv jew tibdil qabel ma infethet il-kawza, fil-fatt kien jikkomunika bil whatsapp u ma kellu ebda messagg hekk. Is-Sur Vella kien jibghatu ghand it-tifel u t-tifel kien jerga' jibghatu ghand missieru, u ma kienx jwiegbu u hadd qatt ma kien offrilu pagament b'ammont mnaqqas minhabba t-tiswijiet. B'referenza ghal Dok JV22-11 qatt ma kien rah qabel il-kawza u lanqas l-invoices tieghu bil-korrezzjoni li kien ghamel Vella ghax Vella lanqas jirrispndilu t-telephone ma kien. Joe Vella kull ma kien tah kie cekk ta' €1000 u kien naqqasha mill-ammont. Dwar il-flushing mdahhal fil-hajt hadd qatt ma lmenta fuqu mieghu. Dwar id-dokument li kien anness bhala Dok A a foll. 38, li kien opprezenta hu stess mat-tahrika tas-Sur Vella jghid illi jista' jkun lu rah qabel imma ma jiftakarx ghax ghadda z-zmien.

Joseph Vella xehed illi l-fatturi ta' Keith gew kollha f'daqqa u kien hemm minnhom minghajr data u ftit sieghat wara li irceevihom tkellem mieghu li kellu jiccekja ghax kien jaf li kien hemm hafna xoghol li ma kienx lesta u xi xoghol li sar hazin u beda jsemmihomlu. Qallu dwar iz-zbalji fil-kont u kellu jistenna li jsiru x-xoghol riparattiv biex jkun jaf kemm kien ser jiswa biex jnaqqashomlu mill-prezz. Hu kien offrilu xi haga izjed mill-ammont li jidher fl-istatement 22-11 ghax jidhrilu ma kienx naqqas il-mera. Dwar il-persuna bl-isem Plesz, dan kien persuna li kien hadimlu u kien halsu u kellu rcevuti tal-vat izda dan siefer u n-numru jidher li huwa ikkancellat. Skond il-kalkoli tieghu hu kellu jaghti lil-attur €1022 u kien offra lil Keith Spiteri li jhalsu dan l-ammont izda Keith kien qallu jew kollox jew xejn. Hu qatt ma ghamel kawza kontra Keith Spiteri u lanqas ma ghamel depozitu l-Qorti ghal ammont li kien qieghed jippretendi. Meta offrilu l-ammont dan kien bil-kondizzjoni li jkun ghas-saldu tal-ammont li kien qieghed jippretendi Keith. Fil-konto ezami Vella qal illi ftit sieghat wara kien ikkontatja lil Keith ghax kien innota xi differenza mill-prezz miftiehem izda x'hin beda jirranga l-hsara u kompla fejn ma kienx lesta Keith l-ammont li kellu jitnaqqas kompla jizdied. Hu stess kien jmur fuq il-post u ra x'kien fadal bhala xoghol u x'kienu l-hsarat. Mistoqsi dwar tap repair €38 fl-invoice 10-17, jghid illi dan jista' jkun li meta mar ghand il-klijent dan qallu dan qieghed jqattar izda ma setax jghidlu ezatt x'kien il-hsara u l-istess ghal installation u silicone li jidhru fl-invoice 5/17. Dwar il-pricelist Dok JV22 01, li huwa ftehiem, jghid illi m'hemmx kopja iffirmata.

Gie ipprezentat affidavit ta' Joseph Vella li qal illi Keith kien bghatlu l-invoices ghal kull post li kien hadimlu: Nazzareno Dingli gewwa Marsascala fl-ammont ta' €2310, Pearson gewwa l-Mtarfa fl-ammont ta' €610, Perit Matthew Bugeja gewwa Rahal Gdid fl-ammont ta' €730, Kris u Selma Montfort gewwa Mosta fl-ammont ta' €769 u Jonathan u Faye Vella gewwa Swieqi fl-ammont ta' €130 li jammontaw ghal €3299 wara li jitnaqqas depozitu ta' €1250. Keith ma kien lesta ebda progett minnhom u b'hekk kellhom jqabdu terzi biex jkomplu. Kienu hadmulu xi barranin li kien ha hsieb jqabadhom Tamas, li kien jahdem mieghu. Mill-ammont li kien qieghed jitlob Keith kellhom titnaqqsu €11761.88: €1139.83, li thallas lil Gabor Plesz biex jlesti x-xoghol li kien beda Keith, id-discounts li kellu jaghti lil Nazzareno Dingli ta' €221 u €131 lil Kris Montfort u €270 ghal-mera li inkisret.

Semghat t-trattazzjoni tal-partijiet fis-26 ta' Ottubru 2022.

Ikkunsidra;

illi jirizulta illi is-socjeta konvenuta kienet qabdet lil attur sabiex jaghmel xoghol ta' plumbing f'diversi propjetajiet skond prezz miftiehem bejn il-partijiet. Jidher li l-attur beda x-xoghol f'dawn il-propjetajiet izda irrifjuta li jkompli qabel ma jithallas tax-xoghol li kien ghamel ghax kien inghata biss depozitu ta' €1250. Fil-fatt skond il-fattura li hu ipprezenta kien hemm bilanc dovut fl-ammont ta' €3299. Is-socjeta konvenuta min-naha taghha bdiet tirrifjuta li thallas skond il-fattura ghax skond hi,din ma kinitx inhadmet skond il-ftehiem milhuq bejn il-partijiet. Kien hemm ukoll xoghol li kien ma tlestix jew li sar hazin. Fil-fatt is-socjeta konvenuta kienet lesta thallas is-somma ta' €1044.12, ghax skond hi kellhom jitnaqsu s-somma ta' €1739.88 mill-ammont mitlub. It-Tribunal jinnota li huwa veru li kien hemm diversi affarijiet li kienu mnizzla fil-fattura li ma kienx skond il-ftehiem u ghalhekk jaqbel illi ghandhom jitnaqsu €376 mill-ammont mitlub. Dwar it-talba sabiex jitnaqqas s-somma ta' €139 ghax ma kienx relatat max-xoghol dan ma giex provat u ghalhekk mhix ser tigi mnaqsa. Dwar it-talba tax-xoghol

li sar minn Plesz, ma giex ipprovat ghas-sudisfazzjon tat-tribunal illi x-xogholijiet li wettaq Plesz kien propju xoghol rimedjali li kellu jsiru minhabba li x-xoghol tal-attur kien sar hazin, ghax Plesz ma xehedx sabiex jikkonferma dan u d-direttur tas-socjeta konvenuta ma setax jikkonferma x'tip ta' xoghol rimedjali kien mehtieg. Fuq il-mera dan it-Tribunal ukoll ma jaqbilx li ghandu jbatihom il-plumber meta wara kollox ma kienx hu li trapsortah. Dwar ir-reduzzjoni li skond hu kien ta' lil Dingli, fix-xhieda Dingli qal lil hallas *in full* filwaq illi Montfort qal illi *thallas u ma tawni xejn inqas.. ma nafx…niddubita kemm tawni inqas* u ghalhekk it-Tribunal m'ghadux il-prova mehtiega li fil-fatt dawn tnaqsu u jekk tnaqsu dan tnaqqas tort tal-attur.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi din l-azzjoni billi jilqa' in parti t-talba tal-attur u jidikjara li mill-ammont mitlub ta' tlett elef mitejn u disgha u disghin Euro (€3299) ghandha titnaqqas l-ammont ta' tlett mija u sitta u sebghin euro (€376) u ghalhekk is-somma dovuta hija elfejn disa' mija u tlieta u ghoxrin (€2923). Jordna lis-socjeta konvenuta thallas s-somma ta' elfejn disa' mija u tlieta u ghoxrin Euro (€2923). Konsegwentement jikkundanna lil socjeta konvenuta thallas lill-istess socjeta attrici s-somma ta' elfejn disa' mija u tlieta u ghoxrin Euro (€2923), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-att, sad-data tal-ħlas sħiħ effettiv. It-talba ghas-spejjez marbuta mal-ittra legali, ittra ufficjali l l-mandat tas-sekwestru ma tistax tintlaqa' peress illi ma gewx ipprezentati fl-atti.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jithalsu mis-socjeta konvenuta.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**